**Minuti tas-dsatax il-laqgħa tas-sitt Kunsill Lokali t'Għajnsielem li nżammet nhar il-Ħamis, 3 ta' Settembru 2009 fil-5.00 ta' wara nofs in-nhar.**
**dahal fis-2 pm)**

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Francis Cauchi** | **Sindku** |
| | **Stephen Mercieca** | **Vici Sindku** |
| | **Larry Buttigieg** | **Kunsillier** |
| | **Peter Caruana** | **Kunsillier** |
| | **Joe Camilleri** | **Kunsillier** |
| | **Anton Zammit** | **a/Segretarju Ezekuttiv** |

**1. Talba**
**Is-Sindku qal it-talba**

**2. Minuti**
**Il-minuti ta' l-aħħar laqgħa ġew approvati.**

**3. Korrispondenza**

**Is-Segretarju qara l-korrispondenza li waslet fl-uffiċċju tal-Kunsill:**

**a. Waslet ittra mingħand Green Pak Malta Ltd. dwar sistemi effettivi għall-ġbir ta' skart u indafa fil-lokalitajiet. Il-preżenti qablu li għandhom jitolbu l-għajnuna ta' Green Pak Malta Ltd.**

**b. Waslet ċirkulari Nru. 46/2009 dwar ftuh tal-Uffiċċini Amministrattivi tal-Kunsill nhar ta' Sibt. Il-Kunsill diga approva il-ħatra ta' l-iskrivana Marianne Sagona u lis-Sur Anton Zammit fil-kaz li din tkun assenti.**

**c. Waslet risposta mingħand l-Engineer ta' l-Enemalta dwar twaħħil ta' lampi qrib xulxin f'diversi rħula f'Għawdex li s-sur Joe Camilleri kien ressaq fil-lagħqa ta' qabel biex tintbaghat lill-Engineer. L-Engineer qalet li dawn il-lampi kienu ilhom is-snin li twaħħlu u bosta minnhom kienu twaħħlu fi sqaqien u fil-front gardens privati. Hi kompiet tgħid li għalkemm dawn jaqgħu taħt ir-responsabilita' ta' l-Enemalta, din m'għadiex tagħmel munutenzjoni tagħhom peress li huma fil-privat. Hi qalet li tirrepeti żball mhux ser isewwi l-iżbal ta' qabel. Is-sur Camilleri qal li ried ikun preżenti fil-Kunsill meta ssir il-laghqa li jmiss flimkien ma l-Engineer u rappreżentant ta' l-Enemalta minn Malta.**

**d. Waslet ittra ta' ringrazzjament mingħand l-Għaqda Inspire – Gozo f' Ghajnsielem, dwar is-somma li nġabret b'risq din l-għaqda waqt l-attivita ta' Għajnsielem Fest imtella' mill-Kunsill.**

**e. Waslet informazzjoni mingħand l-Uffiċċjal Edukattiv – Edukazzjoni tal-Adulti dwar korsijiet ghall-adulti biex jitnaqqas il-litterizmu f'Malta u Għawdex. Il-Kunsill qabel li għandu jippartecipa. Ser issir lagħqa mal-Ministru Dolores Cristina fl-10 ta' Settembru fis-sala Robert Sammut Floriana fis-6.00 PM.**

**f. Il-Kunsill irceiva korrispondenza mingħand id-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Proprjeta' dwar l-area d-Dahla ta' Sant' Eliju fejn individwu kien kiteb lill-Kunsill li din l-art hija propjeta tal-Gvern u preżentament hija okkupata mill-privatt. Ir-risposta mid-Dipartiment ta' L-Artijiet ghal din il-mistoqsija tal-Kunsill kienet li din l-art, kif kienet indikata fuq site plan, ma kienetx art tal-gvern iżda privata.**

g. Il-Kunsil ġie nfurmat mingħand id-Direttur, Gvern Lokali biex b'mod immedjat tinħareġ sejħa għall-ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv għal dan il-Kunsill. Il-preżenti qablu li jitolbu lid-Direttur jekk aħniex obbligati li noħorġu s-sejħa issa jew nistennew sakemm jgħaddu l-emendi l-ġodda mill-Parlament. Jekk fl-affermattiv nitolbuh l-proċeduri biex jibda il-process.

i. Inqrat il-korrispondenza mingħand il-MEPA dwar permessi għal bini.

j. Is-Sindku nforma lill sħabu li waqt laqgħa tal-Kumitat Konġunt hu qajjem il-punt dwar il-periklu ta' sewqan esaġerat li kien qed ikun hemm fi Triq Mgarr mnejn il-familja Ciantar sa l-Istitut il-Qadim. Hu qal li f'din it-triq kwazi kuljum ikun hemm xi incidenti fejn anke xi drabi kienu fatali. Hu semma l-aħħar incident li sar ta' ġuvni mill-Għarb li waqt li kien qed isuq mutur, safa' mtajjar u miet ftit ġranet wara. Is-Sindku semma wkoll li r-rappreżentant tal-Kumitat Kongunt kien qal li l-ADT kellha l-ħsieb li tagħmel speed camera f'din it-triq. Is-Sindku qal f'waqt il-laqgħa tal-Kunitat Konġunt, li l-Kunsill qatt ma ġie avviċinat u kkunsultat għal provediment u twaħħil ta' speed camera. Is-Sindku ppropona li tintbghat ittra lil-Guards and Wardens biex il-Kunsill tinghatalu statistika ta' kemm saru incidenti f'din it-triq f'dawn l-aħħar 3 snin. Wara, l-Kunsill ikun jista jikteb lill-ADT fejn din tigi infurmata b'dawn l-l-incidenti, inkluz l-istatistika, biex jinstab rimedju biex disgrazzi simili jigu evitati fil-futur.

k. Sar qbil li l-Folk Group li kien mistieden mill-Kunsill għal festa titulari tingħatalu s-somma ridotta ta' 250 euro.

l. Is-Sindku issuggerixxa biex tinkiteb ittra ta' ringrazzjament lis-Super tal-Pulizija dwar l-ordni li għaraf iżomm matul il-festa titulari.

4. Bethlehem f'Għajnsielem

a. Is-Sindku nforma lill sħabu dwar fejn waslu l-preparamenti ta' dan il-poġett. Hu qal li kien inqala' intopp meta l-Kunsill kien bagħat żewġ ħaddiema biex jibdew jirranġaw il-ħitan tas-sejjieh. Dawn kienu twaqqfu minn individwu biex ma jagħmlux xogħol iżjed hemmhekk għax dawn kienu fuq art privata u għalhekk il-Kunsill ma kellu l-ebda dritt li jagħmel xogħol ta' ġebel f'dan il-post. Din avviċinat ukoll lis-Segretarju Eżekuttiv fejn żammet lill Kunsill responsabbli għal konsegwenzi kollha li jista' jiġrilu missierha b'dan l-inkwiet. Is-Sindku qal li wara dan kollu hu mmedjatament kiteb lid-Direttur tal-Joint Office fejn infurmah jekk hemmx xi hadd li kien qed ihallas xi qbiela fuq din l-art imsemmija. Is-Sindku qal li l-għada ta' l-ittra, s-Segretarju Ezekuttiv kien ircieva telefonata mill-Ufficcju tal-Joint Office f' Għawdex fejn dawn qalulu li kien hemm xi ħadd li qed iħallas fuq xi parti minn din l-art. Is-Sindku kompla jgħid li hu reġgħa kiteb lid-Direttur tal-Joint Office fejn talbu jindikalu fuq site plan liema parti qed titħallas u minn meta bdiet titħallas. Is-Sindku qal li wara ftit ġranet ċempel f'dan l-uffiċċju biex jara fejn waslet l-applikazzjoni ta' l-ittra. Lis-Sindku qalulu li kien għadu ma sar xejn minn naħa tad-Dipartiment u ngħata n-numru ta' l-acknowledgement u biex jerġgħa jċempel ġimgħa wara. Is-Sindku qal lill-sħabu li jekk wara ġimgħa ma jkollniex risposta minn naħa tal-Joint Office kien ser jgħaddi l-informazzjoni kollha lis-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said biex jintervjeni hu. Is-Sindku qal li ma jistax ikun li ntawwlu iżjed għax iż-żmien kien qed joqrob u x-xogħol irid jinbeda' immedjatament. Kien hemm suġġeriment li

**f'kaz li l-Kunsill ikollu risposta fin-negattiv u l-Gvern jibqa' passiv f'din il-kwistjoni allura l-Kunsill ma jkollux triq oħra għajr li jżomm din l-attivita' milli ssir. Is-Sur Camilleri ssuġġerixxa li jkun aħjar kieku wara li nirċievu risposta u l-pjanta rikjesta, navviċinaw lill-individwu u nippruvaw nilħqu kompromess miegħu. Is-Sindku qal li kullħadd jaf kemm kien żdingat ta' Passi qabel ma saret l-attivita ta' Betlehem f' Għajnsielem. Kemm inħareġ terrapien u kull tip ta' skart ieħor li kien ilu jinġemgħa għal snin sħaħ. Kemm kien hemm ħitan tas-sejjieh imwaqqa' fejn dawn reġgħu inbnew bis-saħħa tal-voluntieri li għal xhur sħaħ ħadmu bla waqfien biex iġibu lill-ta' Passi fl-istat oriġinali tiegħu. Hu qal li mhux sew li għax xi ħadd qal li hemm xi skart li tħalla minn tal-progett kien qed jirrifletti ikraħ fuq il-Kunsill. Hu fakkar li jista' jkun li kien fadal xi skart zgħir li ma tneħħiex pero' dan ħafna minnu kien tneħħa meta riċentament saret tindifa ta' ġurnata mill-istess volontiera. Is-Sindku qal li anke ż-żewg ħaddiema li kienu qed jagħmlu x-xogħol fuq il-ħitan intbagħtu biex ikomplu jnaddfu dan il-post. Il-preżenti qablu li din il-kwistjoni tinżamm sakemm nircievu l-informazzjoni rikjesta mingħand il-Joint Office. Il-Kunsill qabel li japplika għal permess bid-D.N.O.**

**b. Is-Sur Larry Buttigieg ġibed l-attenzjoni ta' sħabu li l-kont tad-dawl biex inħadem ix-xogħol fl-injam għal presepju tas-sena l-oħra għand persuni privati, għadu ma tħallasx. Apparti d-dawl, dan l-individwu uża ukoll il-għodda personali tiegħu u dan għal bosta ġimgħat. Il-preżenti qablu li jgħaddulu €500 għall ispejjeż kollha li hu għamel.**

**c. Dan talab ukoll li din is-sena tinxtara għodda rikjesta biex din l-attivita' "Bethlehem f'Għajnsielem" terġa tittella' fuq Ta' Passi. Dan għandu jipprovdi lista ta' ħtiġijiet rikjesti.**

**5. Bożża ġdida fi Triq ic-Cief.**

**a. Waslet talba mingħand Louis Mizzi biex teħel bozza ġdida mar-residenza tiegħu fi Triq ic-Cief. Il-preżenti ma sabux oġġezzjoni. Is-Segretarju għandu jinforma lill kuntrattur dwar din it-talba.**

**6. Materji oħra**

**i. Dwar ir-rinstallazzjoni tal-lampa quddiem il-nicca fi Triq Mgarr, Is-Sindku nforma lill preżenti li wara li rrizulta li din taqa' taht ir-reponsabilita tal-Ministeru għal-Għawdex hu kien kellem lis-Segretarju Privat tal-Ministru fuq dan is-suġġett u dan wegħdu li dik ser teħel kif kienet fil-passat.**

**ii. Is-Sur Larry Buttigieg qajjem il-problema tax-xogħlijiet rikjesti mill-Kunsill fil-bajja tax-Xatt l-Aħmar. Saqsa l-ewwel jekk l-istima għall-asfaltar tat-triq kienetx intbagħtet lill Dr. Chirs Said kif kien miftiehem. Is-Sindku wieġbu li meta hu kellem lill Dr. Said dan issuġġerielu li japplika għaliha mill-vot - fondi speċjali li ser jiġi ppubblikat f'qasir żmien. Is-Sindku ssuggerixxa biex jinbeda x-xogħol minn issa biex isir il-passagg ta' l-injam fil-bajja kif kien issuggerixxa s-sur Buttigieg, u tinġieb quotation biex dan jinħadem mill-privat. It-tul ta' dan il-passagg hu ta' circa 25 metru b'metru wiesa u ghandu jkun ta materjal ta injam iebes bħal eroco nkluz l ħadid. Dan għandu jinqasam f'ħames biċċiet biex ma jkunx tqil u jkun jista' jintrefa' għaż-żmien tax-xitwa.**

iii. Is-Sur Joe Camilleri ssuġġerixxa li issa li t-triq tal-Kus ingħatat kisja tarmac huwa mportanti li l-parti li fadal mhix asfaltata, dik ta' bejn il-farm ta' Rikardu sal-Heliport, titkompla. B'hekk it-traffiku li jkun ġej jew sejjer l-Imgarr jista jgħaddi minn din it-triq speċjalment f'kas li triq Mgarr tkun magħluqa għat-traffiku bħal ma spiss jiġri. Il-Kunsill qabel li għandha terġa tinkiteb ittra lill-Ministeru għal Għawdex fuq dan u meta l-Kunsill japplika għal fondi speċjali jdaħħal ukoll din it-triq flimkien mal parti l-oħra ta' Triq il-Brighen.

iv. Dwar embellishment fir-raħal, is-Sindku informal lill preżenti li issa l-pjanti ġew kollha aċċettati mill-MEPA u fi ftit ġranet oħra ser jersqu quddiem il-Board. Dawn il-fondi ser jinġiebu mill-fond tal-U.I.F. li darba kien ser iservi biex tiġi rinovata il-pjazza ċentrali pero' peress li din kienet art privata l-Kunsill ma setax jagħmilha. Is-Sindku qal li peress li l-MEPA kienet ser tiehu dawn l-fondi lill-Kunsill għax ma kien sar xejn, il-Kunsill ma kellux triq oħra x'jaghmel għajr li japplika biex ikompli jsebbaħ il-qalba tar-rahal bis-saħħa ta' dawn il-fondi u biex dawn ma jintilfux. Il-postijiet indikati għal dan il-proġett huma: Pjazza Indipendenza, Pjazza tad-Dehra u l-Playing Field, railing u flower pots fuq u taħt il-ħajt ta' Pjazza 10 ta' Diċembru, embelishment bejn il-kazini tal-banda u l-football, triq Anglu Grech u Triq Ramon Perellos.

v. Hawn qamet polemika dwar il-Pjazza Ċentrali fejn qed jingħad li l-pubbliku għadu mhux infurmat min hu responsabbli għal din il-pjazza. Is-Sindku wieġeb li sal-lum suppost kullħadd hu nfurmat għax ħarġet korrisponenza fuq gażżetti, radju u magazines maħruġa fir-raħal. Hu qal li riċentamet hu stess kiteb fil-messagg tiegħu fuq magazine t'għaqda fejn spjega li l-pjazza kienet art privata u għalhekk il-Kunsill ma setghax bil-ligi jagħmel xogħol fuqha. Min qed jitħaddet jaf kif inhi s-sitwazzjoni tal-pjazza u min żamm iebes waqt id-diskussjonijiet li nżammu ftit tas-snin ilu. Is-Sindku wieġeb li l-liġi ma tippermettix li l-Kunsill jagħmel proġetti fuq art privata.
Is-Sur Buttigieg issuġerixxa li għandha toħroġ stqarrija dwar il-pjazza u tiġi ċċarata il-kwistjoni darba għal dejjem. Is-Sur Joe Camilleri issuġerixxa ukoll li għandha ssir laqgħa ma l-Isqof. Is-Sindku ssuggerixxa li l-Kunsill għandu joħroġ tip ta' magazine fejn fuqu għandha titpoġġa informazzjooni fuq proġetti li l-Kunsill bihsiebu jwettaq minn hawn u ftit ġimgħat oħra. Hu qal ukoll li fil-messaġġ għandu jinkiteb li l-pjazza hi art privata. Peress li l-Kunsill ma jistax jagħmel xogħol u munutenzjoni fuq art privata, l-Kunsill kellu jwarrab il-proġett tal-pjazza li tiegħu kien diġa ħareġ il-permess mill-MEPA. Il-Kunsill kien ser jagħmel dan il-proġett mill-Fond tal-U.I.F. tal-MEPA u peress li dawn il-flus kienu ser jintilfu għax m'intefqux, il-Kunsill ma kellux triq ohra x'jaghmel għajr li japplika għal dawn l-fondi biex ikompli jsebbaħ il-qalba tar-raħal bi proġetti oħra. Is-Sindku qal li b'hekk darba għal dejjem l-poplu Ghajnselmiz ikollu stampa cara fuq din il-materja u ma jibqax jeħel il-Kunsill għax ħalla din il-pjazza żdingata. Kien hemm suġġeriment ukoll li jitwaħħlu avviżi madwar il-pjazza li l-Kunsill mhux responsabli għal manutanzjoni u tisbiħ ta' din il-pjazza

vi. Is-Sur Joe Camilleri ġibed l-attenzjoni ta' sħabu dwar l-istat ta' Triq Lourdes. Dan issuġerixxa li l-Kunsill għandu jħejji pjanta u stima mingħand perit u jissottometihom lill Ministru għal Għawdex. Is-Sindku qal li l-ispiza biex titranġa din it-triq kienet tammonta ghal-eluf kbar ta' euros.

1. Dan saqsa ukoll fejn wasal il-proġett ta' l-Għajn tal-Ħasselin.
Is-Sindku qal li l-applikazzjoni tal-proġett qiegħed f'idejn il-case officer u qiegħed fi stat avvanzat li jiġi processat. Din il-ġimgħa stess il-perit irċieva minngħan il-MEPA

**biex jissottometti block plan ta' l-area fejn ser issir l-Għajn. Il-Kunsill ukoll kien ircieva biex jagħti informazzjoni lill-Muesec dwar kemm ser tqum l-istima tad-dawl għal dan il-proġett. Il-perit bagħat din l-informazjoni lill-Kunsill fejn dan għadda dan il-materjal lill-Muesec.**

**2. Xi progress sar dwar il-bini tas-Civic Centre.**
**Tweġiba: L-offerta għal bini ġiet ppublikata fil-gazzetti u ser tagħlaq għall- aħħar ta' Settembru.**

**3 Dan issugerixxa li ssir laqgħa mal-project manager, is-Sur Franco Ciangura, dwar Bethlehem f'Għajnsielem**
**Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera l-oħra qablu u ssuġġerew biex din il-lagħqa issir wara li nircievu bil-miktub mingħand il-Joint Office.**

**4. Is-Sur Camilleri issuġerixxa li issa peress li f'qasir żmien ser jinbena l-proġett tas-Civic Centre, għandna niktbu lill Banek kummerċjali biex jintroduċu servizz ta' jumejn fil-ġimgħa għal-bżonnijiet tal-poplu Għajnselmiz bħal ma kien jeżisti fl-imgħoddi u jintroduċu ukoll is-servizz ta' A.T.M. machine.**

**Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis, 8 t'Ottubru 2009 fil-5 ta' wara nofs in-nhar.**

**Il-laqgħa ntemmet fid-9.00 ta' filgħaxija.**

**Francis Cauchi** **Anthony Zammit**
**Sindku** **a/Segretarju Ezekuttiv**